## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH

**Il-Pulizija**

**(Spettur Wayne Camilleri)**

**vs**

**Francis Farrugia**

**Dylan Mifsud**

**Kump. Nru 763/2018**

**Illum, 26 ta' Awwissu, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Francis Farrugia detentur tal-karta tal-identità numru 160285M, u Dylan Mifsud detentur tal-karta tal-identità bin-numru 348695M, li permezz tagħhom ġew akkużati li f'dawn il-gżejjer, nhar il-11 ta' Novembru 2018, xi ħinijiet bejn is-sagħtejn u nofs u t-tlieta u nofs ta' filgħodu ġewwa Triq is-Serkin, Marsa, u/jew fil-viċinanzi,

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew iqiegħdu l-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġunaw ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' George Azzopardi;
2. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew iqiegħdu l-ħajja fil-periklu ċar, ikkaġunaw ferita ta' natura gravi fil-ġisem ta' John Azzopardi;
3. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura tal-għamla TATA bin-numru ta' reġistrazzjoni EAU 264, liema ħsarat ma jiskorrux l-ammont ta' elfejn u ħames mitt Ewro, iżda huma iżjed

minn mitejn u ħamsin Ewro, li saret għad-dannu ta' John Azzopardi u/jew persuni oħra;

4. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura tal-għamla Toyota, bin-numru ta' registrazzjoni ABN 612, liema ħsarat ma jiskorrux l-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewro, li saret għad-dannu ta' Chrisitne Spiteri u/jew persuni oħra;
5. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanżi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè vettura tal-għamla KIA, bin-numru ta' reġistrazzjoni MUM 652, liema ħsarat ma jiskorrux l-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewro, li saret għad-dannu ta' Marion Aquilina u/jew persuni oħra;
6. Volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-għajjat u bil-ġlied, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija, tqis liż-żewġ imputati bħala li saru reċidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li kienu misjuba ħatjin ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà ta' George Azzopardi, John Azzopardi, u tal-familjari tagħhom, u tapplika l-provvedimenti tal-Art 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semgħet il-provi;

Rat li r-raba' u l-ħames imputazzjonijiet ġew irtirati mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tad-29 ta' Settembru, 2020;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Ġenerali, li bih ta l-kunsens tiegħu sabiex din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja, u li tinsab ħtija taħt l-Artikoli 17, 31, 533, 214, 216, 218, 325(1)(b), 338(dd), 49, 50, 383, 384 u 395 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat l-atti kollha tal-kawża

**Ikkunsidrat;**

F'din il-kawża, entrambi John u George Azzopardi għażlu li ma jixhdux f'dawn il-proċeduri.

Matul is-smigħ ta' din il-kawża, xehdu s-segwenti:

**PC 406 Shaun Micallef** xehed li huwa ġie nkarigat sabiex jieħu ritratti fuq il-post. Mar fuq il-post fl-erbgħa neqsin għaxra ta' filgħodu, fil-11 ta' Novembru 2018. Spjega li apparti xi uffiċjali tal-pulizija, kien hemm preżenti John Azzopardi. Spjega li ġie nfurmat li seħħet ġlieda, u li x'aktarx intuża xi ġebel. Spjega li kien hemm tliet vetturi maħbuta go xulxin. Sostna li fuq in-naħa tal-vettura tal-għamla KIA, gie nnutat li kien hemm xi tiċpis ta' lewn ħamrani li kien x'aktarx demm. Sostna li fuq il-post ġie nnutat xi ġebel imkisser, u aktar 'l isfel instabet żarbuna tal-PUMA. Spjega li kif wieħed joħroġ mix-xena fejn saret il-ġlieda, kien hemm vettura Toyota Vitz, li kellha fuq is-saqaf tagħha xi ħwejjeġ. Biswit din il-vettura, kien hemm iż-żarbuna l-oħra tal-PUMA. Ikkonferma li r-ritratti ttieħdu fil-11 ta' Novembru 2018, fl-erbgħa nieqes għaxra ta' filgħodu.

**WPC 369 Stephanie Cassar** xehdet li fil-11 ta' Novembru, ġiet infurmata mill-Ispettur Camilleri biex tagħmel xogħol forensiku, fis-sens li tieħu ħsieb ix-xogħol kollu relatat mal-elevar tal-eżebiti. Ikkonfermat li fuq is-sit, kien għad hemm preżenti John Azz opardi. Spjegat li rat tliet vetturi maħbuta, u li kienu garrbu xi ħsarat. Ikkonfermat li quddiem il-vettura Kia, kien hemm xi tiċpis ta' lewn ħamrani. Kompliet tgħid li fuq il-post kien jidher xi ġebel imkisser, li x'aktarx intuża waqt il-ġlieda. Spjegat li iktar 'l isfel kien hemm niżla, fejn ġiet misjuba żarbuna tad-ditta PUMA. Sostniet li fuq is-saqaf tal-vettura Toyota Vitz, instabu xi ħwejjeġ, li allegatament ġew mormija mill-istess nies li kienu nvoluti fil-ġlieda. Kompliet tgħid li biswit din il-vettura, nstabet iż-żarbuna l-oħra tad-ditta PUMA. Sostniet li ġew elevati xi oġġetti. Sostniet li hija rat biss lil John Azzopardi, u li l-imputati ma kinux fuq il-post meta kienet hemm hi.

**L-Ispettur Wayne Camilleri** xehed li fil-11 ta' Novembru 2018, għal xi l-erbgħa ta' filgħodu, li kienet seħħet ġlieda fi Triq is-Serkin, Marsa, u fiha kien hemm diversi persuni nvoluti. Sostna li rriżulta li John Azzopardi kien identifika lil Dylan Mifsud bhala wieħed li kien involut f'din il-ġlieda. Spjega li George Azzopardi kien ġie rikoverat l-isptar kaġun tal-ġriehi li sofra. Sostniet li minn stqarrija li kienet ittieħdet, irriżulta li Francis Azzopardi wkoll kien ġie mdaħħal l-isptar, iżda mbagħad kien telaq 'il barra mill-isptar. Sostna li ħa l-istqarrijiet tal-erba' persuni nvoluti. Huwa għaraf lill-imputati fl-awla.

**PC 259 Eman Ellul** xehed li meta mar fuq il-post tal-inċident fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Novembru, ġià kien hemm l-ambulanza. Sostna li laħqu lil George Azzopardi li kien qiegħed mal-art u jgħajjat bl-ugiegħ, kif ukoll lil John Azzopardi li beda jgħid li qalgħu xebgħa. John Azzopardi kellu d-demm ma' wiċċu. Huwa sostna li qabilhom, kien hemm uffiċjali tal-RIU.

**PS 1500 Alfred Cutajar** xehed li fil-11 ta' Novembru 2018, għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu, irċevew telefonata li seħħ argument fi Triq is-Serkin, Marsa. Sostna li meta mar fuq il-post, kien hemm uffiċjali tal-RIU. Sostna li kien hemm persuna mal-art li kellha fuqha flokk u qalziet ta' taħt, u kienet qed tiġi mdewwija minn tim mediku. Spjega li kien tkellem ma' John Azzopardi li qal li flimkien ma' ħuh George Azzopardi, daħlu bi żball ġo din it-triq, u persuna bla xagħar kienet qabdet tagħti. Qal li John Azzopardi qal li hu u ħuh George, beżgħu u telqu minn fuq il-post. Sostna li l-vettura li kienet misjuqa minn George Azzopardi, instabet li daħlet ġo żewġ vetturi li kienu pparkjati fit-triq. Sostna li waqt li John Azzopardi kien fejn PC 71, hu ra persuna u ġibed l-attenzjoni tal-pulizija, li dan kien wieħed mill-persuni involuti.

Spjega li huwa tkellem ma' din il-persuna, li kienet Dylan Mifsud, li qal li Frans kien ġie aggredit minn żewġ persuni, u anke waddbu xi ġebel, u huwa kien mar jipprova jifridhom minn ma' Frans, u telqu jiġru. Sostna li kienu ġew xi uffiċjali min-naħa ta' SOCO, li elevaw xi *fingerprints* u ħadu xi ritratti. Sostna li l-*cameras* li kien hemm fil-bidu ta' Triq Serkin, ma kinux jaħdmu dakinhar li seħħ l-inċident.

**PC 71 Ayrton Agius** xehed li fil-11 ta' Novembru 2018, huwa ġie msejjaħ biex imur fi Triq is-Serkin gewwa l-Marsa. Hemm sab uffiċjali ta' SIU u vettura oħra minn ta' RIU. Qal li ra persuna mixħuta fl-art bil-qalziet ta' taħt biss, u persuna oħra ħdejħ, li ma' wiċċu kellu d-demm. Sostna li huwa qgħad ma' dawn il-persuni sakemm ma' ġiet l-ambulanza.

**PC 646 Albert Saliba** xehed li huwa mar fuq il-post wara telefonata li rċivew fil-11 ta' Novembru 2018, għal ħabta ta' sagħtejn u nofs. Spjega li raw persuna mal-

art bil-qalziet ta' taħt biss, u persuna oħra mimlija dmija. Spjega li persuna minnhom spjegat li kienu ġew attakkati minn żewġ persuni minħabba li daħlu ġo triq li tagħlaq. Sostna li dak il-ħin, għadda żagħżugħ, li ġie ndikat li kien wieħed mill-aggressuri. Sostna li l-aggressur l-ieħor, kien daħal go residenża privata. Sostna li wieħed mill-allegati vittmi, kien qed jokrob bl-uġiegħ f'rasu, u ttieħed bl-ambulanza.

Ikkonferma lill-imputat Francis Farrugia rah, u ra li kellu daqqa u hmura.

**Godwin Catania** spjega li huwa għandu l-*files* mediċi ta' George Azzopardi u John Azzopardi.

**Stephen Cachia** in rappreżentanza ta' Transport Malta, xehed li mir-riċerka li saret fuq il-vettura TATA, bin-numru ta' reġistrazzjoni EAU 264, din hija reġistrata fuq John Azzopardi sa mis-6 ta' Awwissu 2015. Spjega li l-vettura tal-għamla Toyota Vitz, bin-numru ta' reġistrazzjoni ABN 612, hija reġistrata fuq Rose Arena mill-31 ta' Jannar 2019. Spjega li l-vettura tal-għamla Kia Sportage, bin-numru ta' reġistrazzjoni MUM 652, hija reġistrata fuq Marion Darmanin, u ilha reġistrata fuqha mill-1 ta' Settembru 2017.

Dan xehed ukoll li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABN 612, kienet reġistrata fuq Christine Spiteri, bejn is-7 ta' Novembru 2017, u s-27 ta' Novembru 2018. Imbagħad ġiet trasferita fuq Victor Micallef, u sussegwentement, ġiet trasferita fuq żewġ persuni oħra.

**Dottor Sarah Debattista** ġiet murija ċertifikat a fol 21, u spjegat li fil-11 ta' Novembru 2018, hija eżaminat lil John Azzopardi li kellu qasma żgħira f'rasu, u tbenġil fuq wiċċu u fuq rasu. Qalet li sar CT scan tar-ras u tal-għadmiet tal-wiċċ, u kien hemm ksur żgħir f'waħda mill-għadmiet tal-wiċċ. Spjegat li l-ġrieħi kienu ta' natura gravi peress li kien hemm ksur żgħir, u kienu fil-wiċċ.

**Dottor Josef Mifsud** xehed dwar ċertifikat a fol 22, fejn qal li fil-11 ta' Novembru 2018, kien inħareġ dan iċ-ċertifikat, fejn hemm miktub li kien hemm żlugar tal-irkoppa tax-xellug, diversi tbenġil f'partijiet tas-sider u taż-żaqq fuq il-persuna ta' George Azzopardi.

In kontroeżami, huwa spjega li ma reġax ra lil George Azzopardi. Sostna li dan iddaħħal ġol-ward, u kellu jattendi *orthopedic outpatients* ukoll. Sostna li huwa ra l-pazjent biss fl-Emergenza.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fliet il-provi miġjuba mill-Prosekuzz joni. Iżda minn dak li tressaq quddiem din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-imputazzjonijiet lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. L-allegati vittmi f'din il-ġlieda, u ċioè John Azzopardi u George Azzopardi, għażlu li ma jixhdux peress li ma ridux b'xi mod jinkriminaw irwieħhom. Il-bqija tax-xhieda li tressqu, kienu uffiċjali tal-pulizija li lkoll ma kinux preżenti waqt li seħħ l-inċident, u għalhekk ma setgħux jitfgħu iktar dell fuq eżattament x'gara, u kif John u George Azzopardi spiċċaw feruti.

L-istqarrijiet li taw entrambi l-imputati huma fis-sens, li Francis Farrugia ġie attakat minn żewġ persuni, li lanqas qatt ma rahom u ma jafhomx, filwaqt li Dylan Mifsud kien mar iwaqqaf lil dawn l-irġiel minn fuq Francis Farrugia. Entrambi l-istqarrijiet mogħtija rispettivament mill-imputati, jagħtu spjegazzjoni waħda, u ċioè li Francis Farrugia ġie aggredit f'rasu, u li Dylan Mifsud prova jaqlagħhom minn fuq Francis Farrugia. Minn imkien mill-istqarrijiet ma jirriżulta li b'xi mod, Francis Farrugia u/jew Dylan Mifsud aggredew lil dawn il-persuni, li allegatament ħebbew għal Francis Farrugia.

Dwar it-tielet imputazzjoni, lanqas ma ngħatat xi xhieda dwar x'ġara fil-vettura ta' John Farrugia, u kif din spiċċat inkorriet ħsarat li ġew indikati f'Dok JB1, a fol 30 tal-proċess.

Dwar imbagħad is-sitt imputazzjoni, din il-Qorti tqis li l-imputati qed jiġu akkużati bir-reat kontravvenzjonali prospettat fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ċioè il-ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika. Din il-kontravvenzjoni taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija dik li fil-Liġi Ingliża hija '*a breach of public peace*'. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. Il-Qorti tqis li lanqas din l-imputazzjoni ma tressqu provi suffiċjenti dwarha, u għalhekk, lanqas ma ġiet ippruvata.

**Deċide**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni, peress li ġew irtirati mill-Prosekuzzjoni,**

**filwaqt li ma ssibx lill-imputati ħatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjoni, u tilliberahom minn kull kundanna u ħtija.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**

**Deputat Reġistratur**